31998L0038

16.6.1998 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 170/13

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 98/38/KE

tat-3 ta' Ġunju 1998

li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 75/151/KEE dwar ċerti komponenti u karatteristiċi tat-tratturi bir-roti għall-agrikolura jew għall-foresterija

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE ta' l-4 ta' Marzu 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati għall-approvazzjoni tat-tip tat-tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija [1] kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], u partikolarment l-Artikolu 13 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 74/151/KEE tal-4 ta' Marzu 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li tirrigwardja ċert partijiet u kratteristiċi ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija [3], kif l-aħħar emendata id-Direttiva 97/54/KE, u partikolarment l-Artikolu 4 tagħha,

Billi in vista ta' l-esperjenza u tal-progress teknoloġiku miksub, huwa issa ż-żmien opportun li tadatta l-ħtiġiet li jikkonċernaw il-komponenti u l-karatteristiċi riferiti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 74/151/KEE;

Billi l-miżuri li hemm disposizzjoni dwarhom f'din id-Direttiva huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-adattament għall-progress tekniku introdott bid-Direttiva 74/150/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Annessi I sa VI tad-Direttiva 74/151/KEE huma emendati skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. Mill-1 ta' Mejju 1999 l-ebda Stat Membru ma jista':

— jiċħad, li fir-rigward ta' tip ta' trattur, li jagħti l-approvazzjoni tat-tip KE, għal ħruġ tad-dokument riferit fl-Artikolu 10(1), l-aħħar inċiż, tad-Direttiva 74/150/KEE, jew li jagħti l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali, jew

— jipprojbixxi d-dħul fis-servizz ta' tratturi,

jekk dawn it-tratturi jilħqu il-ħtiġiet tad-Direttiva 74/151/KEE, kif emendat b'din id-Direttiva.

2. Mill-1 ta' Ottubru 1999, l-Istati Membri:

— ma jistgħux joħorġu aktar id-dokument riferiti fl-Artikolu 10(1), l-inċiż finali, tad-Direttiva 74/150/KEE għal tip ta' trattur li ma jilħaqx il-ħtiġiet tad-Direttiva 74/151/KEE kif emendat b'din id-Direttiva,

— jistgħu jiċħdu l-għoti ta' approvazzjoni tat-tip nazzjonali fir-rigward ta' tip ta' trattur jekk din ma' tilħaqx il-ħtiġiet tad-Direttiva 74/151/KEE kif emendat b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u id-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Mejju 1999. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membru jadottaw dawn id-disposizzjonijiet dawn ta' l-aħħar għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati b'din ir-referenza fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-kundizzjonijiet mehmuża ma' dik ir-referenza għandhom ikunu stabiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni it-test tad-disposizzjonijiet essenzjali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum mill-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-3 ta' Ġunju 1998.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 84, tat-28.3.1974, p. 10.
[2] ĠU L 277, ta' l-10.10.1997, p. 24.
[3] ĠU L 84, tat-28.3.1974, p. 25.

ANNESS

L-Annessi I sa VI tad-Direttiva 74/151/KEE huma emendati kif ġej:

(a) l-Anness I, "Piż" huwa mibdul b' "massa"

(b) Fl-Anness II

— iż-żewġ inċiżi tad-dettall 1 huma mibdula b'dan li ġej:

"— tul: 255 jew 520mm,

— wisa: 165 jew 120mm,

L-għażla trid tieħu konsiderazzjoni tal-qisien eżistenti fl-Istati Membri tad-destinazzjoni",

— dettall 2.1 hu mibdul b'dan li ġej:

"2.1. **Il-pożizzjoni laterali tal-pjanċa**

Iċ-ċentru tal-pjanċa ma jistax ikun aktar lejn il-lemin mill-pjan tas-simetrija tat-trattur.

It-tarf laterali tax-xellug tal-pjanċa ma jistax ikun aktar lejn ix-xellug mill pjan vertikali parallel għall-pjan tas-simetrija tat-trattur u tanġenti għall-punt ta' fejn id-dijagonali tat-trattur hija l-aktar wiesa.",

— it-test tad-dettall 2.4 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-għoli tax-xifer t'isfel tal-pjanċa 'l fuq mill-art ma jistax ikun anqas minn 0.3 metri; l-għoli tax-xifer ta' fuq tal-pjanċa 'l fuq mill-art m'għandux jeċċedi l- 4.0 metri."

(ċ) Fl-Anness III; it-test li ġej huwa miżjud mal-punt 2:

"l-istruttura tal-pajpijiet għall-forniment tal-karburanti u l-fetħa għall-mili għandhom ikunu nstallati 'l barra mill-kabina."

(d) l-Anness IV huwa mibdul b'dan li ġej:

"ANNESS IV

IL-PIŻIJIET TAS-SABORRA

Jekk it-trattur ikunu sejrin jitwaħlulu l-piżijiet tas-saborra sabiex jilħaq mal-ħtiġijiet l-oħra ta' l-approvazzjoni ta' l-KE, dawk il-piżijiet tas-saborra għandhom ikunu fornuti mill-manifattur tat-trattur, li jkunu ntiżi biex ikun nstallati, u jkollhom fuqhom il-marka tal-manifattur u stqarrija tal-massa tagħhom f'kilogrammi b'eżattezza ta' ± 5 %. Il-piżijiet tas-saborra ta' quddiem ikunu ġew imfassla għat-tneħħija/għall-installar frekwenti għandhom iħallu spazju ta' sigurtà għall-anqas ta' 25mm għall-qabda tal-maqbad. Il-metodu tat-tqegħid tas-saborra għandu jkun tali hekk li kull separazzjoni mhux mistennija tkun evitata (e.g. fil-każ li t-trattur jitgerbeb)"

(e) fl-Anness V; id-dettall 2.14 huwa mibdul b'dan li ġej:

"2.1.4. Il-valur massimu għal-livell tal-pressjoni tal-ħoss għandu għall anqas ikun 93 dB(A) u l-aktar 112 dB(A)."

(f) Fl-Anness VI, it-test li ġej huwa miżjud mad-dettall II.1:

"Il-pajp ta' wara ta' l-*exhaust* għandu jitqiegħed b'tali mod li l-gassijiet ta' l-*exhaust* ma jkunux jistgħu jidħlu fil-kabina."